MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Numru. 552/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**KONTRA**

**BRANDON LUKE MEILAQ**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Brandon Luke Meilaq ta' 23 sena, bin Grazio u Salvina nee' Azzopardi, mwieled Pieta' nhar is- 7 ta' Novembru 1986, residenti 88, Triq il- Kbira, Zabbar u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 530286M;

Li gie imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli :
1) nhar l- 20 ta’ Gunju 2009 u fil- granet ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin, f’ hinijiet differenti fil-gzejjer Maltin li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u liema atti gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda u dana bi ksur tal- Artikolu 18, tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

2) u aktar talli nhar l- 20 ta’ Gunju 2009 u fil-granet u x- xhur ta’ qabel, mid- dar tal- genituri tieghu, li jinsab font Nru. 88A Triq il- Kbira, Zabbar, f’ diversi drabi, ikkommetta serq ta’ credit card tal- Bank HSBC, ghad-dannu ta’ huh Jean Pierre Meilaq, liema serq hu kkwalifikat bil- valur, bil- persuna, bil- lok u bil- hin;

3) ukoll talli nhar l- 20 ta’ Gunju 2009 u fil-granet u x- xhur ta’ qabel mill- ATM tal- fergha tal- bank HSBC ta’ Zabbar, li tinsab fi Triq is- Santwarju, Zabbar, f’ diversi drabi, ikkommetta serq ta’ diversi flejjes, liema somma ta’ flus tammonta ghal €1,250, ghad- dannu ta’ huh Jean Pierre Meilaq, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil- persuna bil- lok u bil- hin;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu, zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat ha “credit card” ta’ huh Jean Pierre Meilaq minn gewwa r-residenza taghhom, u uza l-istess “card” biex ha flus minn magna awtomatika tal-bank. Dan sar fil-perijodu bejn it-23 ta’ Mejju 2009 u l-20 ta’ Gunju 2009, kif fil-fatt irrapporta l-istess Jean Pierre Meilaq. Jidher li l-imputat ghandu problema ta’ abbuz u dipendenza fuq id-droga, liema problema wasslitu biex jikkommetti dan ir-reat ta’ serq fuq huh. Jirrisulta wkoll li l-imputat hallas lura l-ammont li hu ha mil-kont bankarju ta’ huh, u llum wera x-xewqa u d-disposizzjoni li jibda tattendi program ta’ rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga. Ghal dawn ir-ragunijiet, kif ukoll in vista tal-fedina penali tieghu, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat jista’ jibbenefika minn sentenza ta’ “probation”, minghajr ghalhekk ma jkun hemm sentenza ta’ prigunerija fil-konfront tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 267, 268, 269, 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta’ Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta ghal tlett (3) snin.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------